Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Appell: 24/2011AE

**Nazzareno Falzon**

**Vs**

**Air Malta plc**

It-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2015.

B'decizjoni tas-6 ta' Lulju 2011 it-Tribunal Industrijali ddecieda:-

*"It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, jaqta' u jiddeciedi li t-temm ta' l-impieg tar-rikorrenti nhar il-15.01.09, li saret fid-dawl tal-ittra ta' l-M.I.A. plc datata nhar il-05.06.08, saret ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-Ligi".*

Nazzareno Fenech appella. L-aggravji tieghu huma li:-

1. It-Tribunal Industrijali naqas li japplika t-taghlim tal-qrati Maltin dwar x'jikkostitwixxi gusta kawza ghal terminazzjoni ta' impieg;
2. It-Tribunal naqas milli jikkunsidra x'kienet il-prattika tal-appellata f'kazijiet bhal dawk tal-appellant u kazijiet iktar serji.
3. It-Tribunal kien skorrett meta qal li peress li l-kaz simili ghal dak tal-appellant sehh wara li kien gie pprezentat ir-rikors promotur, allura ma kellux jidhol f'dak il-kaz l-iehor.

Min-naha taghha l-appellata argumentat li l-appell ma fih l-ebda punt ta' dritt.

Fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2013 id-difensur tal-appellant iddikjarat li joqghod fuq dak li ddikjara fir-rikors tal-appell. Fl-atti hemm ukoll it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni li saret waqt dik is-seduta.

Mill-atti jirrizulta li l-appellant kien impjegat mal-appellata. Fuqu kienu nstabu xi pakketti ta' sigaretti li kienu f'bagalja ta' passiggier. Permezz ta' ittra datata 16 ta' Settembru 2008 l-appellant gie nfurmat minn Lawrence Zammit, Chairman tal-appellata li:-

*"As a consequence of your actions, the Office of the Manager Airport Security (OMAS) confiscated your Airport Security Pass, **denying you access to the airport**. The Company has also received correspondence from MIA (copy attached) whereby **MIA is refusing to allow you to enter their premises be it landside or airside**. This position is in line with the Ground Handling Services Agreement signed between MIA and Air Malta.*

*Your actions materially undermine the trust that must reside in every employee, especially when assigned duties which include handling company and/or third party property.*

*The Disciplinary Board has concluded that you are guilty of the offences brought against you, namely that you took 4 packets of cigarettes from a passenger's baggage (copy attached).*

*In the circumstances, the Company has no option but to dismiss you from employment with immediate effect".*

Wara d-decizjoni tal-Bord tal-Appell, intbaghatet ittra ohra datata 19 ta' Jannar 2009 fejn l-appellant gie nformat:-

*"The Appeals Board has confirmed the decision taken by the Disciplinary Board whereby you were found guilty of the offences brought against you, namely that you took four packets of cigarettes from a passenger's baggage.*

*The Appeals Board has also confirmed the decision taken by Air Malta as regards the penalty and consequently your employment is being terminated with immediate effect".*

Ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi, dan irid isir mit-Tribunal Industrijali. L-appell tal-appellant hu bbazat mhux dwar jekk seraqx is-sigaretti[1] izda jekk ghal dak 'il fatt il-principal kienx gustifikat li jittermina l-impieg[2]. Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:-

i. Dan il-kaz m'ghandu x'jaqsam xejn ma' *redundancy*. F'dan ir-rigward ir-riferenza li saret fir-rikors tal-appell hi ghal kollox irrilevanti.

ii. L-appellant jargumenta li ladarba: *".... kien ilu bil-bosta jahdem mal-kumpannija u illi di piu qatt ma kien imwiddeb dwar xi nuqqasijiet, tkompli turi bic-car li d-decizjoni kient decizjoni ngusta u mhux skond il-ligi. Se mai l-appellant kien jimmerita warning severa izda mhux tkeccija".* Serq mill-post tax-xoghol hu att ta' *gross misconduct* da parti ta' mpjegat. F'dan il-kaz is-serq sehh minn bagalja ta' turist. Dan ikompli jaggrava l-kaz.

iii. Irrizulta kif permezz ta' ittra datata 5 ta' Gunju 2008, Malta International Airport plc infurmat lil Airmalta plc li: *".... with immediate effect, MIA will not accept under any circumstance that*

[1] Il-qorti rat il-video esebit fl-atti u m'hemmx dubju li dan kien kaz ta' serq. Wara li l-qorti rat il-filmati tiddikajra li l-verzjoni tal-appellant dwar x'gara, ma titwemminx.

[2] Fir-rikors tal-appell l-appellant qal li l-kaz jitratta dwar ***".... It-tiftix jekk l-allegat tehid ta' erba' pakketti sigaretti ghandux iwassal ghal tkeccija minn fuq ix-xoghol tar-rikorrenti".***

*Mr N. Falzon carries out any duties anywhere within the premises of MIA be it airside or landside. You will surely understand that MIA is taking such a drastic position in order to give a very clear and unequivocal message to one and all that on serious issues such as pilferage oth MIA and airlines are adopting a zero tolerance attitude"*. B'din id-decizjoni jfisser li l-appellant, li kien jaqdi d-dmirijiet tieghu bhala *loader* fl-ajruport, ma setax jahdem iktar hemm gew. F'din ic-cirkostanza hu ragunat li l-appellata tterminat l-impjieg tal-appellant (ara wkoll deposizzjoni ta' Lawrence Zammit, seduta 6 ta' Ottubru 2010). Ma tressqux provi li fil-kazijiet ta' mpjegati ohra sa dak iz-zmien kienet ittiehdet xi decizjoni simili mill-Malta International Airport plc. M'hemmx dubju l-appellata kellha tiehu decizjoni skond ic-cirkostanzi li kellha quddiemha dak iz-zmien u mhux fuq dak li seta' gara f'kazijiet ohra snin qabel.

iv. Gialadarba l-appellant kien jahdem bhala *loader* fl-ajruport u b'rizultat tad-decizjoni li hadet il-Malta International Airport plc gie ddikjarat *persona non grata*, l-appellata ma kellha l-ebda obbligu li ssiblu xoghol alternattiv f'Taqsima ohra. Ma tressqux provi li f'kazijiet ohra l-Malta International Airport plc kienet hadet decizjoni bhal dik fl-ittra tal-5 ta' Gunju 2008.

v. Il-qorti taqbel ma' dak li osserva t-Tribunal fil-paragrafu 8.07 tad-decizjoni:

*"Mill-assjem tal-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta li r-rikorrenti hu hati tal-akkuza kontrih. Minhabba 'l fatt li fil-kaz tar-rikorrent din kienet l-ewwel darba li l-kumpannija M.I.A. plc kitbet l-ittra datata 05.06.08 fejn iddikjarat li ma kinitx lesta taccetta lura lir-rikorrent biex jahdem fil-mitjar, id-deizjoni tal-kumpannija intimata fiz-zmien meta kienet konfermata wara d-decizjoni tal-Bord tal-Appell, ma tistax titqabbel ma' decizjonijiet tal-kumpannija intimata ta' l-imghoddi f'kazijiet komparabbli"*.

vi. Fir-rigward tal-impjegat Carmelo Falzon li kien inqabad u ammetta li seraq par zraben minn bagalja ta' turist, jirrizulta li l-Malta International Airport plc baghatet ittra datata l-1 ta' Gunju 2009, simili bhal dik li baghatet fil-kaz tal-appellant. Jidher li Carmelo Falzon ma tkecciex mill-impjieg, ghalkemm fl-atti m'hemmx taghrif dwar proceduri dixxiplinari li setghu ttiehdu kontra tieghu. Jirrizulta li Malta International Airport plc irrevediet il-posizzjoni taghha tant li f'ittra datata 15 ta' Marzu 2010 infurmat lil Airmalta plc li Carmelo Falzon kellu jitqies sospiz milli jkollu access ghal gewwa l-ajruport ghall-perjodu ta' sena. M'hemmx prova ta' x'wassal ghal din id-decizjoni. **Pero' dan hu kaz li sehh wara li l-appellant kien ilu xhur li tkecca mill-impieg**, u ghalhekk ma jistax ighin lill-appellant.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.